MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2007

Numru 254/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**Rita Bartolo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Rita Bartolo ta' 40 sena, bint il-mejtin Carmelo Zahra u Dolores nee' Caruana, imwielda il-Pieta' fit-3 ta' Marzu, 1964 u toqghod fil-font: Nru. 103, 'Stardust', Triq il-Kampanella, l-Fgura u detentrici tal-karta ta' l-identita' numru: 0153264(M) giet akkuzata talli nhar l-24 ta' Dicembru, 2003, ghal habta tat-

8.30 ta' filghodu, fi Triq il-Kampanella gewwa l-Fgura, ikkawzat griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jane Farrugia, liema ferita ggib mankament jew sfreccju fuq driegh il-vittma, skond kif iccertifikat minn Dr. C. Falzon M.D. mill-Casualty Dept. ta' l-Isptar San Luqa u dana bi ksur ta' l-artiklu 216(1)b Tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzata wkoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, ikkawzat hsarat volontarji fuq il-bieb ta' barra tal-konjugi Farrugia, liema hsara teccedi l-Lm10 izda ma tiskorrhiex il-Lm50, ghad-dannu ta' Jane u Carmelo Farrugia mill-Fgura u dana bi ksur ta' l-art. 325(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok, data u hin, heddedt lil Jane Farrugia bil-kliem: 'Jekk nisma' l-istorbju noqtlok' u 'Ara ma nismax it-tfal ghax dan il-Milied taghmel l-ahhar-ghada noqtlok' u dana bi ksur ta' l-artiklu 339(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Barra minn dan akkuzati wkoll talli fl-istess cirkustanzi volontarjament kisret il-Bon Ordni u l-Paci Pubblika b'ghajjat u glied u dana bi ksur tal-artiklu. 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

W aktar akkuzati talli fl-istess cirkustanzi qalet kliem oxxen, indecenti u dagha bi ksur tal-artiklu 338(bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok JB3 u nnutat li l-imputata m'ghandiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Dan il-kaz jirrigwarda allegat argument bejn l-imputata Rita Bartolo u Jane Farrugia fl-24 ta’ Dicembru, 2003 fi Triq il-Kampanella gewwa l-Fgura fejn allegatament l-imputata ikkawzat griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Jane Farrugia, ghamlet hsarat volontarji fuq il-bieb ta’ barra tal-konjugi Farrugia, ghamlet theddid fil-konfront ta’ Jane Farrugia, kisret il-Bon Ordni u l-Paci Pubblika u qalet kliem oxxen, indecenti u dagha.

Rigward l-ewwel akkuza li tirrigwarda griehi ta’ natura gravi il-Qorti taghmel referenza ghal brani mid-deposizzjoni tax-xhud Dr. Claire Falzon MD. moghtija fis-Seduta tas-6 ta’ Dicembru, 2004 fejn din ix-xhud, inter alia, qalet: “Qed nigi murija dokument Dok JB6 li jinsab a fol. 10 tal-process u nikkonferma li dan huwa certifikat mediku minni rilaxxat rigwardanti l-pazjenta li jiena rajt li qeghda naghrafha bhala l-parte civile,  prezenti fl-awla, Jane Farrugia. <u>Jiena il-feriti klassifikajthom dakinhar, bhala gravi per natura stante li kien hemm ksur.</u> Jiena dakinhar li ezaminajt l-imsemmija pazjenta, jien dehrli li kien hemm ksur. Kif inhi procedura normali ta’ l-Isptar, jiena rreferejtha ghall-konsultazzjoni. Jiena minn dakinhar lill-pazjenta ma ergajtx rajtha.” (Sottolinjar tal-Qorti).

In kontro-ezami l-istess xhud fl-istess Seduta, inter alia, qalet: “…………” “Jien ghamilt verifiki biex nara r-rizultat tal-konsulta x’kien. Dan ghamiltu ghall-fini li jiena kont gejt imsejjha biex nixhed il-Qorti f’din il-kawza. <u>Ir-rizultanzi mill-medical file ta’ l-imsemmija pazjenta kien li ma kienx hemm ksur.</u> Nghid li din hija rizultat tal-konsulta u mhux l-ewwel rizultat li jiena kont tajt.” (Sottolinjar tal-Qorti).

In ri kontro-ezami l-istess xhud qalet: “Dak li skond li jien mort  naghmel verifiki dwaru mal-medical file ta’ l-imsemmija pazjenta, <u>skond it-tieni rizultat juri li minn haga gravi, il-pazjenta marret ghal xi haga ta’ natura hafifa, bhala klassifika ta’ griehi.</u> Nixtieq nghid li <u>mill-verifiki li ghamilt mill-medical file, irrizultali li l-imsemmija pazjenta kienet giet ezaminata in kwantu ghall-konsulta, fil-31 ta’ Dicembru, 2003, mentri jiena kont ezaminajtha fl-24 ta’ Dicembru, 2003.”</u> (Sottolinjar tal-Qorti).

F’dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-brani mid-deposizzjoni ta’ Dr. Mario Scerri MD. moghtija fis-Seduta tad-19 ta’ Settembru, 2005 mahtur bhala Espert Mediku minn din il-Qorti fuq talba ta’ Dr. Joseph Giglio ghall-imputata. (Ara Verbal tas-Seduta tal-20 ta’ April, 2005, fol. 37 tal-Process): “………………” “Nixtieq nghid ukoll illi kif kont ser nerga’ nqieghed lura l-originali fil-files taghhom innutajt illi kien hemm nota tar-radjologista illi tghid illi meta hu ezamina l-X Rays ir-rizultat kien NAD jigifieri negattiv u nghid illi jien naqbel mija fil-mija (100%) mal-konkluzzjoni li wasal ghaliha r-radjologista…………” “Ghaldaqstant nghid illi l-konkluzzjoni finali tieghi hija li ma kienx hemm xi lezjoni ta’ natura gravi.” “………………” “Jien nghid u neskludi kategorikament illi kien hemm xi frattura.” (Ara ukoll konkluzzjonijiet raggunti mill-Espert Mediku Dr. Mario Scerri MD. fir-Relazzjoni tieghu esebita fis-Seduta tad-19 ta’ Settembru, 2005 bhala Dok MS).

Mis-suespost jemergi ghalhekk li nkwantu ghall-ewwel akkuza ma jirrizultax li kien hemm griehi ta’ natura gravi kawzati fuq Jane Farrugia mill-imputata fid-data, lok u hin indikati fl-istess akkuza.

Ghaldaqstant il-Qorti issa trid tara jekk jirrizultax li l-imputata ikkagunat jew le griehi ta’ natura hafifa fil-konfront ta’ Jane Farrugia fid-data, lok u hin indikati fl-ewwel akkuza u dan stante li l-akkuza ta’ kagunar ta’ griehi ta’ natura hafifa hi wahda kompriza u nvoluta ghal akkuza ta’ kagunar ta’ griehi ta’ natura gravi.

Fl-ewwel lok taghmel referenza ghal Dok JB6 a fol. 10 tal-Process fejn hemm, inter alia, miktub: “small abrasion extensor aspect (L) forearm”

Taghmel ukoll referenza ghas-segwenti brani mill-Istqarrija tal-imputata esebita bhala Dok JBP1: “T:……………. Jane bdiet ixxejjer il-hadida u jien bdejt nilqa’ u nxejjer bl-iskupa tieghi. Niftakar ukoll li jien u Jane domna nissaraw f’hin ta’ ftit sekondi.” “……………….” “M: Filwaqt li kontu qeghdin tissaraw, int u Jane, kien hemm xi mument li irqadtha bix-xkupa li kellek f’idek?

T: Ha nghidha bi dritt-jien, kif din Jane Farrugia giet ixxejjer bil-hadida, jien bdejt nilqa' bl-ixkupa u bdejt inxejjer bl-addocc, pero' ma niftakarx jekk ilqadtx lilha jew le. Dan kien f'temp ta' ftit sekondi."

F'dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghal brani mid-deposizzjoni ta' Jane Farrugia moghtija fis-Seduta tal-20 ta' April, 2005 fejn din ix-xhud, inter alia, qalet: "………………." "Jiena ma lhaqtx irrispondejt ghax fid-daqqa u l-hin smajt hsejjes u kif dort mill-ewwel sibt l-ixkupa ma' wicci u kienet l-imputata, imbaghad hija laqtitni bl-ixkupa f'idejja u nghid illi laqtitni bil-parti ta' l-ixkupa u mhux taz-zokk ta' l-ixkupa u din laqtitni fuq idejja tax-xellug."

"………………" "Nghid illi jien imbaghad wasalt hdejn il-bieb tieghi pero' l-imputata qaghdet quddiemi u ma hallietnix nidhol u hemmhekk hija tatni daqqtejn ohra bl-ixkupa. Nghid illi hemmhekk qlajt daqqa go dahri u daqqa fuq idi." "………………" "Nghid illi jumejn wara li dehrna hawnhekk l-imputata kienet giet hekk kif jiena hrigt bit-tfal ghall-iskola u giet tghidli bongu u kellmitni. Jiena irrispondejtha li tiskuza ruhha u ma gara xejn qisu ma gara xejn u hi skuzat ruhha. <u>Nixtieq nghid illi f'dan l-istadju qed nirrinunzja l-azzjoni kriminali fil-konfront ta' l-imputata fejn hu rinunzjabbli." (Sottolinjar tal-Qorti).</u>

Mis-suespost il-Qorti hi tal-fehma li ir-reat ta' griehi ta' natura hafifa li jinkwadra ruhu fl-artikolu 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li hu kompriz u nvolut fir-reat aktar gravi addebitat lill-imputata jissussisti pero' fid-dawl tar-rinunzja tal-parte civile Jane Farrugia hawn fuq riportat u sottolinjat dan jwassal ghal procediment esawrit stante rinunzja rigward l-ewwel akkuza.

Rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputata li tirrigwarda hsara volontarja li teccedi l-Lm10 izda ma tiskorrhiex il-Lm50, il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti brani mid-deposizzjoni ta' Jane Farrugia moghtija fis-Seduta tal-20 ta' April, 2005 fejn din ix-xhud, inter alia, qalet: "Nghid illi dakinhar l-imputata ma ghamlitliex hsara fuq il-proprjeta'." "……………" "Nghid illi

fl-okkazzjoni ta' l-incident ta' l-24 ta' Dicembru 2003 l-imputata lili ma ghamlitli l-ebda hsara fil-bieb ta' barra tad-dar taghna." Fid-dawl tas-suespost u minn ezami tal-kumpless tal-provi il-Qorti hi tal-fehma li tali tieni akkuza migjuba fil-konfront tal-imputata ma tirrizultax.

Rigward it-tielet akkuza li hi wahda kontravenzjonali u tinkwadra ruhha fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti taghmel referenza ghal brani mid-deposizzjoni ta' Jane Farrugia (Seduta tal-20 ta' April, 2005): "…………………" "Peress li Mrs Ciantar ghalqet il-bieb jien kelli nigri 'l fuq fit-triq u l-imputata bdiet timxi warajja u bdiet tghidli hafna diskors. <u>Lili bdiet tghidli li ara ma nergax nisma' lit-tfal tieghi jew il-passi tat-tfal tieghi ghaliex l-ghada kienet ser taghmel il-Milied imqaddes u ghada kienet ser toqtolni."</u> (Sottolinjar tal-Qorti)

Hawn il-Qorti tirrileva li fit-trattazzjoni id-difiza, inter alia, sostniet li nkwantu ghall-akkuzi migjuba kontra l-imputata li huma ta' natura kontravenzjonali dawn huma preskritti bil-preskrizzjoni trimestrali stante li l-akkuzi allegatament sehhew fl-24 ta' Dicembru, 2003 u fis-Seduta tal-1 ta' April, 2004 meta gew moqrija u mahlufa l-akkuzi mill-Ufficjal Prosekutur kienet saret korrezzjoni fuq talba tal-Prosekuzzjoni u milqugha mill-Qorti fis-sens illi fejn kien hemm indikat fl-istess Tahrika l-kliem "il-Qorti tal-magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali" l-kliem "Qorti ta' Gudikatura Kriminali" gew kancellati u sostitwiti bil-kliem "Qorti Struttorja" u ghaldaqstant l-imputata giet notifikata dakinhar bit-Tahrika kif korretta.

Il-Qorti hi tal-fehma li dak li qeda issostni id-difiza ma jreggix ghax in-natura tal-korrezzjoni maghmula hi tali li ma kienx jirrikjedi notifika mill-gdid lill-imputata bit-Tahrika kif korretta u ghalhekk ma tirrizultax il-preskrizzjoni trimestrali rigward l-akkuzi migjuba kontra l-imputata li huma ta' natura kontravenzjonali. Il-Qorti hi tal-fehma li minn ezami tal-kumpless tal-provi prodotti (Ara supra bran mid-deposizzjoni ta' Jane Farrugia in rigward ta' din l-akkuza (Seduta tal-20 ta' April 2005)) rigward tali tielet akkuza din l-akkuza tirrizulta pero' stante ir-rinunzja tal-parte civile Jane Farrugia diga' riportata aktar qabel f'din

is-Seduta dan jwassal ghal procediment esawrit stante rinunzja rigward din it-tielet akkuza.

Rigward ir-raba' akkuza migjuba kontra l-imputata li hi wahda ta' natura kontravenzjonali u tinkwadra ruhha fl-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza tirrizulta sodisfacentement ippruvata mill-provi prodotti. A skans ta' ripetizzjoni taghmel referenza ghal bran mill-Istqarrija tal-imputata riportat aktar qabel f'din is-Sentenza u ghal brani mid-deposizzjonijiet ta' Jane Farrugia riportati aktar qabel f'din is-Sentenza fejn issir referenza dwar l-akkadut.

Rigward il-hames akkuza li hi wahda ta' natura konravenzjonali u tinkwadra ruhha fl-artikoli 338(bb) u 342 tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta il-Qorti hi tal-fehma li minn ezami tal-provi prodotti tali akkuza ma' tirrizultax.

Rat l-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-dawl tas-suespost nkwantu ghall-ewwel akkuza kif migjuba kontra l-imputata tiddikjara li l-akkuza kif dedotta ma tirrizultax ghaldaqstant tillibera lill-imputata Rita Bartolo minn din l-akkuza kif dedotta ghax ma' tirrizultax, tirrizulta pero' l-akkuza minuri li tinkwadra ruhha fl-artikolu 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta pero' stante li r-rinunzja ghall-azzjoni kriminali da parti ta' Jane Farrugia tiddikjara procediment esawrit rigward tali akkuza.

Rigward it-tieni akkuza tillibera lill-imputata Rita Bartolo ghax din l-akkuza ma tirrizultax.

Rigward it-tielet akkuza tiddikjara procediment esawrit stante rinunzja.

Rigward ir-raba' akkuza issib lill-imputata Rita Bartolo hatja ta' din l-akkuza u tikkundanna lill-imsemmija imputata ghall-piena ta' hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm25) ammenda.

Rigward il-hames akkuza tillibera lill-imputata Rita Bartolo minn din l-akkuza stante li ma tirrizultax.

Finalment il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lill-imputata Rita Bartolo b'obbligazzjoni personali ta' mitt Liri Maltin (Lm100) li zzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------